# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022

## Talba numru 192/2021SFJ

***GasanMamo Insurance Limited (C3143) u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Sandro Spiteri kemm bil-polza u kemm bil-liġi u kif ukoll l-istess Sandro Spiteri (652382M)***

***vs.***

***Mousaab Abdul Ghany (156309A)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-25 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom is-somma komplessiva ta' elf u mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,227.49);

Ra li l-konvenut kien innotifikat permezz tal-proċedura kkontemplata fl-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li l-konvenut deher għall-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 iżda ma kienx assistit minn avukat u ddikjara li ma riedx ikun assistit;

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta entro t-terminu stabbilit skont il-liġi;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-8 ta' Novembru 2022.

**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jirreferi għad-depożizzjoni tax-xhud Andrea Bondin, li huwa impjegat mas-soċjetà attriċi. Huwa ppreżenta *timeline of events* li minnu joħroġ li nhar is-17 ta' Frar 2020, Sandro Spiteri, tramite Peak Insurance Brokers Limited, irrapporta li l-vettura tiegħu HBI669, li kienet assigurata fuq bażi komprensiva, sofriet xi ħsarat. Deher li kien hemm tank tal-ilma appartenenti lill-konvenut li kellu l-għatu tiegħu mhux imwaħħal sewwa. Apparentement, l-għatu tat-tank tal-ilma tar, laqat il-vettura msemmija, u kkawżalha xi ħsarat. Id-data tal-inċident kienet il-5 ta' Frar 2020.

It-*timeline* ippreżentat minn Bondin kompla jgħid li nhar is-26 ta' Frar 2020, sar *survey* fuq il-vettura msemmija u ġie kkonstatat ammont li jaqbel mal-ammont mitlub *in linea* ta' sorte f'din l-azzjoni.

Jidher li saru diversi tentattivi tramite t-telefon sabiex il-konvenut iżur l-uffiċċji tas-soċjetà attriċi iżda dan ma mar qatt. Għalhekk, intbagħtet ittra bonarja. Xi xhur wara, is-soċjetà attriċi reġgħet ċemplet lill-konvenut u dan qalilha li ma kienx beħsiebu jħallas l-ammont relattiv. Għalhekk, ġiet ippreżentata ittra uffiċjali.

Xehed ukoll PS1037 Saviour Mifsud, li ppreżenta kopja tar-rapport bir-referenza NPS 7/P/570/2020. Dan ir-rapport jindika li l-konvenut informa lill-uffiċjali tal-Pulizija involuti li ma kellux minn fejn iħallas l-ammont rappreżentanti l-ħsarat kif indikat fl-istima.

It-Tribunal josserva li għalkemm il-konvenut jitqies kontumaċi f'sitwazzjonijiet bħal dawn, xorta waħda l-atturi jridu jippruvaw dak minnhom allegat sal-grad rikjest skont il-liġi. Sfortunatament, f'dan il-każ, ma jidhirx li l-attur Sandro Spiteri xehed sabiex jiddeskrivi fid-dettall il-ħsarat li kien hemm fuq il-vettura tiegħu.

Għalhekk, it-Tribunal huwa kostrett li jistrieħ fuq dak li xehed Andrea Bondin, fuq il-kontenut tar-rapport tal-Pulizija, u fuq id-dokument a fol. 31 *et seq.* Dan l-aħħar dokument imsemmi jiddeskrivi d-danni bħala li saru fuq in-naħa ta' wara tal-vettura u mal-lemin tal-vettura. Dan jaqbel mal-kontenut tar-rapport tal-Pulizija (fol. 60 u 61). Inoltre, ir-rapport tal-Pulizija huwa msaħħaħ mill-fatt li l-Pulizija tad-distrett marru fuq il-post.

It-Tribunal itenni li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma ppreżentax provi. Għalhekk, huwa ma jistax jitqies li għamel xi sforz sabiex jippreżenta l-verżjoni tiegħu jew almenu jirribatti l-provi li ressqu l-atturi.

Wara li t-Tribunal qies sewwa l-provi prodotti mill-atturi, huwa jsib li l-atturi rnexxielhom jippruvaw dak minnhom allegat sal-grad rikjest skont il-liġi.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmulin, jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess atturi s-somma komplessiva ta' elf u mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,227.49) bl-interessi li għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u li għandhom jiġu kkalkulati mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali relattiva, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**